MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 17a

29 ta' Settembru 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 17 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

1.1. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li fir-rigward tal-minuta 5.16.18 tas-seduta preċedenti dwar il-caravans, huwa qal li l-isem tal-lukanda għandu jinbidel minn Ramla Bay Resort għal Paradise Bay Hotel u għaldaqstant għandha tinqara kif ġej:

"Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jitkellem dwar is-sitwazzjoni tal-caravans li jipparkjaw viċin il-Paradise Bay Hotel. Huwa qal li riċentament l-istaff tal-lukanda kellu joħroġ inaddaf hu stess l-area fejn ipparkjaw il-caravans."

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru.16 li saret fis-26 ta' Awwissu 2025 ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni tas-servizzi minn Servizz.Gov (M/6/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku għarraf li minn nhar it-Tnejn, 22 ta' Settembru 2025 is-servizzi relatati ma' Servizz.Gov mill-uffiċini tal-Kunsill se jibdew jingħataw kif ġej:

It-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa: bejn id-9.30am u s-2.00pm;

It-Tlieta: bejn id-9.30am u s-6.00pm;

Is-Sibt: bejn id-9.30am u nofsinhar.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Korsijiet tal-Kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1/9 Vol VI)**

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjonijiet tal-kompjuter tat-tfal matul ix-xhur tas-sajf ġew fi tmiemhom.

2.2.3. Hija qalet li dawn is-sessjonijiet intlaqgħu tajjeb ħafna mill-ġenituri u l-Kunsill iħares 'il quddiem sabiex ikompli jorganizzahom b'mod regolari.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1 Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-ewwel ħarġa kulturali wara l-waqfa tas-sajf ser issir fl-aħħar t'Ottubru 2025.

2.3.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jagħmel użu mis-servizzi ta' gwidi li joffru l-istudenti li qed jattendu għall-kors ta' gwida fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS). Huwa qal li l-Kunsill jista' jagħmel kuntatt ma' Ms Tara Darmanin li hija l-persuna responsabbli minn dawn l-istudenti.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Komunità, sfortunatament ma saritx matul ix-xahar ta' Awwissu 2025 minħabba mpennji varji kemm min-naħa tal-Kunsill kif ukoll min-naħa tal-Pulizija tal-Komunità.

2.4.3. Madanakollu, is-Sindku qal li sar kuntatt mal-Pulizija tal-Komunità u qed tiġi ppjanata laqgħa għall-1 t'Ottubru 2025.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Parteċipazzjoni tal-Membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa fi 'Sports Day' (A/1/5)**

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fl-20 ta' Settembru 2025, il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa kklassifikaw fl-ewwel post fi 'Sports Day' li ġiet organizzata bejn iċ-Ċentri kollha ta' Malta.

2.5.3. Hija qalet li l-membri pparteċipaw bit-t'shirts li nxtraw mill-Kunsill u ser jipparteċipaw bihom ukoll waqt 'Notte Bianca'.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjoni li jmiss ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser issir nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-unit għall-għoti tad-demm ser tkun il-Mellieħa fit-28 ta' Diċembru 2025 f'Selmun.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Is-Servizz mogħti minn 'School Grannies' (S/3/2)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fir-rigward ta' School Grannies, il-Kunsill din is-sena rċieva applikazzjoni waħda biss mingħand Ms Mary Grace Mifsud, li għal sena oħra xtaqet tieħu sehem f'din l-inizjattiva.

2.8.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-membri li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa u jħeġġiġhom jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Jum l-Anzjani 2025 (A/1/1/Vol III )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru 2025 huwa l-'Jum Internazzjonali ddedikat għall-Anzjani'.

2.9.3. Hija ssuġġerit li kif jagħmel kull sena f'din l-okkażjoni, il-Kunsill iqassam boroż bi frott u ikel bnin lill-anzjani residenti fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa u l-membri li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.10.2. Fir-rigward tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali tat-Tfal, il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill tat-Tfal ser jiltaqa' proprju għada fit-30 ta' Settembru 2025 fl-4.30pm kif ukoll fid-29 ta' Ottubru 2025 u fis-26 ta' Novembru 2025.

2.10.3. Dwar il-laqgħa li ser issir fis-26 ta' Novembru 2025, hija għarrfet li dakinhar il-Kunsill tat-Tfal jixtieq li jkun hemm parteċipi wkoll il-membri tal-Kunsill peress li dakinhar l-Kunsill Lokali tat-Tfal ser jiċċelebra għeluq l-ewwel sena mit-twaqqif tiegħu.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Servizz ta' Procurement Officer fi ħdan il-Kunsill (K/9/Vol II)**

2.11.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li l-Kumitat t'Evalwazzjoni fi ħdan il-Kunsill kellu jiltaqa' nhar il-5 ta' Settembru 2025 sabiex primarjament tkun tista' tingħalaq is-sejħa għall-offerti dwar iż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi u tkompli l-evalwazzjoni ta' sejħiet għall-offerti oħra iżda sfortunatament is-Sur Duncan Hall li kien qed jagħti servizz ta' Procurement Officer m'attendiex għal-laqgħa u lanqas avża li mhux ser jattendi.

2.11.3. Is-Sindku qal li kienu ħafna t-tentattivi li saru kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba, sabiex isir kuntatt mas-Sur Hall minn dakinhar 'l hawn, iżda sfortunatament kien kollu għalxejn għax is-Sur Hall qata' l-kuntatti kollha mal-Kunsill.

2.11.4. Kien għalhekk kompla s-Sindku, li l-Kunsill kellu jsib alternattiva mill-aktar fis possibbli sabiex l-affarijiet fejn jidħlu sejħiet għall-offerti ma jieqfux jew jaqgħu lura u sar kuntatt mas-Sur Dennis Attard. Is-Sur Dennis Attard huwa persuna li x-xogħol tiegħu huwa proprju bħala procurement officer u l-Kunsill talab lis-Sur Attard jibgħat kwotazzjoni kemm-il darba jkun jista' jagħti servizz ta' procurement officer lill-Kunsill.

2.11.5. Is-Sur Dennis Attard min-naħa tiegħu aċċetta li jagħti dan is-servizz u jagħti l-assistenza neċessarja lill-Kunsill fejn jidħol procurement. Il-kwotazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kunsill.

2.11.6. Il-membri preżenti qablu mal-arranġamenti li saru u li l-ewwel priorità għandha tkun li tingħalaq l-offerta tal-ġonna pubbliċi.

2.11.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ntalab jipprepara lista ta' sejħiet għall-offerti pendenti.

**2.12.1. Tindif ta' Culverts (T/4/12/Vol II)**

2.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill qed jagħmel pressjoni fuq il-Cleansing and Maintenance Division sabiex isir it-tindif tal-culverts qabel ma jibda l-istaġun tax-xita.

2.12.3. Is-Sindku qal ukoll li dan it-tindif huwa nkluż fil-Memorandum of Understand iffirmat bejn l-istess Diviżjoni u l-Kunsill.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Sotto Kumitat – Diżabilità u Inklużjoni (K/2/54)**

3.1.2. Il-Kunsillier J. Cauchi ssuġġerixxa li flimkien miegħu fis-sotto kumitat Diżabilità u Inklużjoni, ikun hemm ukoll il-Kunsilliera L. Darmanin peress li r-responsabbiltajiet li hija għandha taħt id-dekasteru tagħha għandhom rabta ma' dawn.

3.1.3. Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa kif għandu jkun kompost is-sotto kumitat u jekk għandux ikun hemm membri tal-istaff fih kif ukoll membri minn organizzazzjonijiet nazzjonali.

3.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li, l-ewwelnett il-Kunsill jagħmel sejħa lokali għal dawk il-persuni li jixtiequ jkunu membri u parteċipi f'dan is-sotto kumitat. Jekk kemm-il darba ma jkunx hemm rispons, il-Kunsill ikun jista' jinnomina lil persuni huwa stess. Dwar il-kompozizzjoni tas-sotto kumitat, il-Kunsillier J. Buttigieg qal li ċ-Chairperson għandu jkun il-Kunsillier J. Cauchi u l-membri jkunu l-Kunsilliera L. Darmanin flimkien ma' tliet membri oħra. Is-Segretarju jinħatar minn fost il-membri magħżula. Huwa qal li normalment is-sotto kumitat jiltaqa' darba fix-xahar.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1 Mental Health Area fil-Bajja tal-Għadira (F/1/2/Vol XI)**

3.2.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li sar kuntatt bejn is-Sur Hamdi AbuRub li huwa ċ-Chief Executive Officer tal-Mellieħa Holiday Centre u bejnu primarjament dwar il-ħsieb tal-Kunsill li juża l-barbecue area fil-Bajja tal-Għadira bħala 'Mental Health Area', liema area ngħatat b'encroachment lil din il-lukanda.

3.2.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li s-Sur AbuRub qed jissuġġerixxi li ssir laqgħa hekk kif jinsab Malta flimkien mal-Bord tad-Diretturi, u matulha tiġi diskussa din il-proposta kif ukoll materji oħra bħall-proġett dwar iż-żieda fin-numru ta' solar panels fil-grounds tal-lukanda tagħhom u materji li jikkonċernaw lil Transport Malta.

3.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fir-rigward tal-proġett li qed isir bejn Project Green u l-Kunsill fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri, Triq l-Etna u Triq l-Għasel, il-kuntrattur Derek Garden Centre għadu kif dawwar is-sit imsemmi bil-fencing. Huwa qal li kellha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur, peress li l-fencing sar ukoll madwar is-substation tal-Korporazzjoni Enemalta li trid titħalla aċċessibbli f'kull ħin, kif ukoll inqabdet vettura 'l ġewwa mill-fencing. Madanakollu, huwa qal li l-kuntrattur irrimedja u ħa l-passi neċessarji mill-ewwel.

3.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal ukoll li huwa bħala Contracts Manager f'isem il-Kunsill, qed jieħu ħsieb li ta' kuljum iżomm logs li fihom jiġi rreġistrat dak kollu relatat ma' dan il-proġett..

3.3.4. Huwa qal ukoll li jidher li hemm xi diskrepanza bejn il-pjanti u s-survey li saru u għaldaqstant sakemm isiru l-verifiki meħtieġa bħalissa x-xogħol huwa wieqaf.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)**

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fuq talba ta' Culture Venture, huwa flimkien mas-Sindku għaddew lista ta' għaqdiet lokali bil-kuntatti tagħhom biex possibiliment jiġi ffurmat focus group u numru ta' community leaders. Huwa qal li l-Kunsill bagħat email lil dawn l-għaqdiet sabiex ikunu nfurmati bl-istudju li l-Kunsill ser jagħmel.

3.4.3. Is-Sur J. Cauchi qal ukoll li l-ewwel laqgħa tal-focus group ser issir nhar is-16 ta' Ottubru 2025 bejn is-6.00pm u s-7.30pm fis-sala Joseph Borg.

3.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.5.1. Passaġġ bejn Triq is-Sagħtar u Triq l-Għerien (P/5/2/Vol III)**

3.5.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li ġie avviċinat minn residenti li joqogħdu fl-inħawi ta' Triq is-Sagħtar u Triq l-Għerien peress li reċentement passaġġ li kien jgħaqqad Triq is-Sagħtar ma' Triq l-Għerien ingħalaq b'fencing.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill kien irċieva rapport li hemmhekk kien waqa' tifel u għaldaqstant anke fuq parir tal-Pulizija tal-Komunità, kellha tittieħed deċiżjoni sabiex sid il-plot vojta li qegħda maġenb dan il-passaġġ jagħlaq bil-fencing ukoll din il-parti biex jiġi evitat il-periklu.

3.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.6.1 Ħtieġa ta' aktar Automated External Defibrillator (AED's) fil-Lokalità (M/8/Vol VIII)**

3.6.2 Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa biex il-Kunsill jaħseb sabiex fil-Mellieħa u fil-Manikata, ikun hemm tnejn jew tliet Automated External Defibrillators oħra. Huwa ssuġġerixxa li dawn ikunu disponibbli f'postijiet l-aktar iffrekwentati bħal Misraħ il-Parroċċa u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Mellieħa, u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata.

3.6.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li hija taqbel li hawn bżonn li jitwaħlu aktar AED's u taqbel ukoll li jkunu disponibbli f'Misraħ il-Parroċċa u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

3.6.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet u nibdew bl-aktar postijiet iffrekwentati. Huwa qal ukoll li l-Kunsill jista' jgħaddi suġġeriment lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex tikkunsidra tintroduċi l-AED's fl-aktar bajjiet popolari bħal Paradise Bay, fil-Bajja tal-Għadira u fir-Ramla tal-Mixquqa. Huwa qal li din l-ispiża tista' ssir bħala spiża kapitali.

3.6.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li peress li l-iskola primarja ġiet riallokata fil-Park tal-Familja, l-AED li jinsab fil-Park irid jiċċaqlaq biex ikun aktar viżibbli u aċċessibbli..

3.6.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.7.1. Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)**

3.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-25 ta' Settembru 2025, huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin kellhom laqgħa mas-Sur Peter Cutajar minn Light Design Solutions dwar il-proġett ta' floodlighting madwar il-Knisja tal-Manikata.

3.7.3. Is-Sindku qal li s-Sur P. Cutajar informahom li sfortunatament il-kits m'għadhomx tajbin u ma jistgħux jinbidlu peress li l-fabbrika m'għadhiex tipproduċi bħalhom. Madanakollu, seta' jikkonferma li l-wiring tal-floodlighting System għadu tajjeb u jista' jerġa' jintuża.

3.7.4. Hawnhekk, is-Sindku wera r-rendors tas-sistema l-ġdida tal-floodlighting li għamlu Light Design Solutions u ta spjega ta' kif ser ikunu mqassma l-floodlights. Qal ukoll li Light Design Solutions kienet il-kumpanija li ħadmu s-sistema tal-floodlighting li kien hemm qabel.

3.7.5. Is-Sindku kompla billi qal li s-Sur P. Cutajar intalab jibgħat stima u l-istima għall-apparat hija ta' €29,000. Din l-istima ma tinkludiex spejjeż ta' installazzjoni u l-VAT iżda enfasizza l-fatt li hija ferm inqas minn l-istima ta' €80,000 li kien qed ibassar li jonfoq il-Kunsill.

3.7.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.8.1. Il-Ġbir tal-Iskart fil-Mellieħa (K/6/2/Vol VI)

3.8.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-30 ta' Awwissu 2025, huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri attendew għall-konferenza stampa organizzata mir-Reġjun Tramuntana dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart f'Malta.

3.8.3. Is-Sindku qal li kif aċċenna diversi drabi, is-sistema tal-ġbir tal-iskart fil-Mellieħa mhux qed treġi għad-domanda li hawn fil-lokalità u mhux qed jiġi rrispettati klawsoli importanti fil-kuntratt. Min-naħa l-oħra, sfortunatament ir-Reġjun Tramuntana mhux qed jitħalla joħroġ multi għal dawn in-nuqqasijiet.

3.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.9.1. 'Fish Fest 2025' fil-Mellieħa (A/5/3/Vol XVI)

3.9.2. Is-Sindku G. Micallef għamel aċċenn għall-avveniment 'Fish Fest 2025' li sar f'Misraħ il-Parroċċa l-Mellieħa mis-Segretarjat Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u l-Ħarsien tal-Annimali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

3.9.3 Avveniment li s-Sindku qal kien suċċess u li kien hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn is-Segretarjat u l-Kunsill. Huwa qal ukoll li l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet lokali kienet waħda tajba ħafna u l-attività fil-Misraħ ħarġet tajjeb ħafna wkoll.

3.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.10.1. Il-Kampanja 'Clean Up The World 2025' bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (T/6/1/Vol VI)

3.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-20 ta' Settembru 2025 permezz tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-iskema SPI.SCI.3.2025, il-Kunsill ipparteċipa fil-kampanja nazzjonali 'Clean Up the World 2025'. Membri tal-Kunsill u l-istaff flimkien mal-Mellieħa Scout Group u ħaddiema mill-Maritim Antonine Hotel and Spa nadfu l-inħawi ta' Selmun. Is-Sindku qal li dakinhar inġabru tlett mija u sittin kilo ta' skart.

3.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.11.1. Inizjattiva 'Reusable Cups' għal matul il-ġranet tal-Festa tal-Vitorja (A/4/5/Vol V)

3.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li matul il-jiem tal-festa tal-Vitorja, mill-inizjattiva 'Reusable Cups' inġabret is-somma sabiħa ta' €1,978.

3.11.3. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-istabbilimenti u lill-inidividwi li kkontribwixxew f'din l-inizjattiva.

3.11.4. Huwa qal ukoll li dawn ir-'Reusable Cups' nistgħu ninkludhom f'avvenimenti oħra futuri.

3.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.12.1. Il-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

3.12.2. Dwar il-multi-purpost court fil-Park tal-Familja, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl mingħand Selmun Sports Club, fejn talbu li jixtiequ jiltaqgħu mal-Perit Matthew Casha – il-Perit li ħadem u fassal il-Bill of Quantities tas-sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni meħtieġa tal-court, sabiex jiddiskutu l-Bill of Quantities qabel ma ssir is-sejħa għall-offerti. Is-Sindku qal li din it-talba qed issir peress li Selmun Sports Club qed jisħqu li bħala klabb jistgħu jkunu strumentali fit-tfassil tad-dokument tal-offerta.

3.12.3. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li mis-seduta preċedenti kien hemm żviluppi sostanzjali li fejn jidħol l-użu tal-multi-purpose court. Fil-fatt, il-Kunsillier E. Bartolo qal li minn dakinhar 'l hawn, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kap tal-Iskola Primarja wera x-xewqa li t-tfal tal-iskola jibdew jagħmlu użu mill-court waqt il-lezzjonijiet tal-Physical Education u anke waqt il-ħin ta' rikreazzjoni. Dan peress li l-ispazju allokat għal dan il-għan bejn il-pre-fabricated classrooms, huwa limitat ħafna.

3.12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li immedjatament issejħet laqgħa fil-Park tal-Familja li għalija attendew flimkien miegħu l-Kunsillier K. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin, il-Perit M. Casha, il-Kap tal-Iskola s-Sur Ralph Camilleri u s-Sur Matthew Cauchi minn Selmun Sports Club.

3.12.5. Is-Sur E. Bartolo qal li s-Sur Camilleri filwaqt li qal li jixtieq li t-tfal jużaw il-court, talab li qabel ma t-tfal jibdew jagħmlu użu minnu, isir fencing mad-dawra tiegħu kollha nkluż l-area tal-bridge, biex il-court ikun sigur kemm jista' jkun.

3.12.6. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li dan kien ifisser li l-Kunsill jirtira s-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-fencing temporanju, u jiskatta proċess biex isir fencing aktar b'saħtu li jitwaħħal b'mod permanenti. Huwa kompla billi qal li wara diskussjoni bejn il-partijiet kollha, l-aktar proposta prattika kienet li l-Perit M. Casha jipprepara rapport fuq is-sitwazzjoni attwali tal-court u jaħdem fuq Bill Of Quantities biex jinħadem il-fencing kif propost u toħroġ l-ispiża li ser ikun hemm involuta.

3.12.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill appena rċieva din id-dokumentazzjoni li bħala spiża kienet ta' €86,000, għaddiha immedjatament lill-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-kunsiderazzjoni. Madanakollu, il-Kunsill min-naħa tiegħu, ikkommetta ruħu li jiffinanzja dik il-parti tal-fencing li kien diġa' kommess li jibdel bħala parti mis-sejħa għall-offerti tal-manutenzjoni tal-court.

3.12.8. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa kien f'kuntatt mas-Sur Jonathn Mallia – Advisor fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar l-importanza tas-segregation tal-court u l-ispiża involuta. Min-naħa tiegħu s-Sur Mallia qal li din il-proposta ser tiġi diskussa internament.

3.12.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa x'jiġri jekk il-Ministeru ma joħroġx il-parti tiegħu li tammonta għal €36,000. Huwa qal li qed isaqsi dan peress li fil-laqgħat li saru mal-Ministeru, qatt ma semmew li għandhom bżonn jagħmlu użu wkoll mill-court.

3.12.10. Il-Kunsillier E. Bartolo wieġeb li għall-Kunsill ikun aqli jekk ikun hemm l-involviment tal-Ministeru sabiex il-procurement neċessarju jsir min-naħa tal-Ministeru.

3.12.11. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa għala l-iskola qed titlob li jsir fencing anke fil-passaġġi meta dawn qatt ma kienu magħluqin.

3.12.12. Il-Kunsillier E. Bartolo wieġeb li fl-iskola kien qed isir safety audit u huwa tal-parir li l-Kunsill ma jerfax responsabilitajiet li mhumiex tiegħu.

3.12.13. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li forsi xi ħaġa li l-Kunsill mhux jieħu in kunsiderazzjoni fejn jidħol il-fencing propost huwa li l-Bill of Quantities irid jiġi rivedut biex fih ikun hemm inkluż li dan jerġa' jinqala' biex issir il-manutenzjoni tal-court u jerġa' jitwaħħal kif jitlesta x-xogħol. B'żieda ma dan, huwa

qal li l-Bill of Quantities li l-Kunsill għandu f'idejh m'għadux tajjeb u jrid jinbidel biex ikopri x-xogħlijiet il-ġodda.

3.12.14. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li kemm-il darba l-Ministeru jaċċetta din il-proposta, il-Kunsill għandu jkompli bil-ħruġ tas-sejħa għall-offerti biex issir il-manutenzjoni neċessarji fil-court mingħajr il-fencing għax dak ikun sar, sabiex possibiliment sas-sajf tas-sena d-dieħla, ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru. Huwa qal ukoll li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq il-Ministeru biex il-Kunsill jingħata risposta mill-aktar fis.

3.12.15. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li din hija prijorità peress li t-tfal m'għandhomx spazju biżżejjed fejn jilagħbu.

3.12.16. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-iskola jista' jkun li ħasbu li l-ispazju bejn il-pre-fabricated classrooms huwa biżżejjed. Hija qalet ukoll li bħalissa qed ikun hemm tfal li għaddejjin bil-lezzjonijiet u tfal li jkunu bil-break, peress li t-tfal qed jitqassmu biex jinżlu għall-break.

3.12.17. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Mellieħa Local Council Compliance Audit 2024 Management Letter;
- Mellieħa Local Council Compliance Audit 2024 Management Letter Action Plan;
- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni dwar Tender for the Leasing of a Low Emission Double Cab Pick Up Vehicle – 28/08/2025;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 25/09/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/08/2025 – 25/09/2025;
- Skeda ta' Petty Cash – 05/08/2025 – 25/09/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Outdoor Gym u l-Kids Area għadhom ma ġew riallokati fi Triq Ġuże' Flores kif kien hemm qbil li jsir mal-FTS.

5.1.3. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-librerija pubblika li bħalissa għadha topera minn ġewwa l-iskola primarja fi Triq Vincenzo Ciappara, minkejja d-diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom il-librara minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin. Is-Sindku qal li jekk il-librerija pubblika ħa tiġi riallokata ġo pre-fabricated classroom, din tista' ssir fi Triq Ġuże' Flores.

5.1.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li Triq Ġuże' Flores ma tantx hija ċentrali u n-nies ħa jkollhom 'il bogħod. Dwar il-librara, hija xtaqet iżżid li dawn bħalissa qed jaħdmu mingħajr il-faċilitajiet essenzjali u jista' jkun hemm ukoll problemi ta' sigurtà għalihom jekk jibqgħu joperaw minn hemm.

5.1.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li rċieva xi lmenti dwar it-trabijiet li qed ikun hemm fiż-żona fejn qed isir it-tqattiegħ tal-blat.

5.1.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li hija rċeviet lmenti dwar numru ta' trakkijiet kbar li qed ikunu pparkjati fit-toroq tal-madwar, jistennew wieħed wara l-ieħor biex jidħlu fis-sit tal-kostruzzjoni. Apparti dan, hija qalet ukoll li peress li l-iskola ġiet riallokata fil-Park tal-Familja, it-traffic lights viċin il-bus shelter 'Mellieħa' qed jintuża tant li qed joħolqu konġestjonijiet tat-traffiku speċjalment filgħodu qabel ma tibda l-iskola. Hija ssuġġerita li possibiliment ikun hemm uffiċjali ta' Transport Malta f'dawn l-inħawi.

5.1.7. Min-naħa tiegħu l-Kunsillier E. Bartolo qal li l-mezzi tat-trasport kollha li qed jintużaw biex iwasslu t-tfal fejn ġiet riallokata l-iskola primarja, ġie organizzat in-naħa ta' Selmun. Huwa qal li l-ewwel ġurnata kien hemm xi ftit konfużjoni, madanakollu fil-bqija tal-ġranet kollox mexa ħarir. Huwa qal li fi Triq Selmun kien hemm il-ħtieġa li jinżabru xi siġar u dan sar mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dwar il-bollards biex jitpoġġew fin-nofs ta' Triq Selmun, il-Kunsill għadu qed jistenna risposta minn Transport Malta. Huwa qal ukoll li flimkien mal-kuntrattur responsabbli mit-tabelli u s-sinjali tat-traffiku ġie deċiż li jsir double yellow lines l-ewwel liwja kerha matul Triq Selmun biex dejjem jiġi evitat il-periklu u l-possibiltà li ssir pedestrian crossing fejn qed jidħlu u joħorġu t-tfal.

5.1.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li jkompli jsegwi l-iżviluppi fejn jidħlu l-punti msemmija.

**5.2.1. Hillclimb f'Ta' Pennellu (A/6/3/Vol X)**

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Hillclimb li ssir kull sena f'Dawret il-Mellieħa ser issir nhar il-Ħadd, 19 ta' Ottubru 2025.

5.2.3. Huwa qal li l-Kunsill ta n-no objection tiegħu a bażi tal-kundizzjonijiet li kienu ġew stipulati anke s-sena l-oħra fosthom:

(i) li ma jsirx parkeġġ ta' vetturi f'parti minn Triq Gorg Borg Olivier u li f'din il-parti jkun hemm żewġ uffiċjali jagħmlu superviżjoni tat-traffiku kollu li tiela';

(ii) li jkun hemm żewġ uffiċjali stazzjonati fi Triq is-Santwarju biex isegwu l-andament tat-traffiku minn din it-triq;

(iii) li jkun hemm żewġ uffiċjali stazzjonati fejn ir-roundabout ta' ħdejn il-ground u fejn id-db Seabank Resort.

5.2.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk Triq il-Miżieb hux ser tkun miftuħa sa dakinhar.

5.2.5. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

5.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.3.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)**

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef qal li fir-rigward tax-xogħlijiet infrastrutturali f'Ta' Masrija, bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fi Triq ir-Rattan li għandhom jitlestew sal-aħħar t'Ottubru 2025. Wara jkun imiss li jibdew ix-xogħlijiet fi Triq il-Fortizza.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.4.1. Xogħlijiet Pendenti mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol XIV)**

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tal-Mellieħa qed jaħdmu fir-Rabat u x-xogħlijiet tal-Kunsill ilhom tliet xhur pendenti. Għal dan il-għan, huwa għamel kuntatt mal-Onor. Omar Farrugia sabiex possibiliment tal-inqas parti mill-ħaddiema, ikunu assenjati sabiex jagħmlu xogħlijiet fil-Mellieħa.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)**

5.5.2. Is-Sindku għarraf li huwa attenda onsite meeting flimkien mal-Perit J. Attard u l-kuntrattur s-Sur S. Cini (North 2 South Ltd) dwar il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar.

5.5.3. Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah illi applika ma' Transport Malta sabiex jikseb il-permess neċessarju biex ikun jista' jibda l-proġett liema process għandu jieħu madwar ġimgħa u nofs. Huwa qal

ukoll li kif kienu fuq il-post, il-Perit J. Attard spjega lill-kuntrattur is-servizzi kif inhuma għaddejjin kif ukoll il-posizzjoni tax-Xelters. Min-naħa tiegħu l-kuntrattur aċċenna għall-fatt li huwa għandu bżonn jikkjarifika mal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma l-ispiża biex jgħaddi bil-lesti ċertu servizzi ta' dawn iż-żewġ entitajiet bil-għan li t-taraġ ma jkollux għalfejn jinqala' fil-futur. Huwa qal ukoll li jrid jiġi kkonfermat magħhom kif ser jgħaddi s-servizzi minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.5.4. Is-Sindku qal li l-proġett ta' dan it-taraġ għandu jiġi fi tmiemu qabel il-Milied ta' din is-sena.

5.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.6.1 Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li qed fi stadju avvanzat ukoll il-proġett ta' installazzjoni ta' lampi ġodda fit-toroq imsemmija.

5.6.3. Huwa qal li l-kuntrattur Micamed Ltd infurmah li x-xogħlijiet fejn jidħlu trinek ser isiru mill-kuntrattur North 2 South Ltd u bħalissa fil-fatt qed jinġiebu l-permessi neċessarji minn Transport Malta biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal ukoll li l-inqas triq problematika hija Triq il-Peprin peress li fit-triq hemm culvert minn fejn il-kuntrattur jista' jgħaddi l-cables, etc u ma hemmx il-ħtieġa li jsiru trinek.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 L-Inizjattiva 'Vjal Kulħadd' (T/3/6)

5.7.2 Dwar l-inizjattiva 'Vjal Kulħadd', is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2025, imsejħa minn Infrastructure Malta u li għaliha kien mistieden il-Kunsill kollu.

5.7.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf għal din il-laqgħa kienu preżenti min-naħa ta' Infrastructure Malta s-Sur Steve Ellul – CEO, il-Perit Walter Portelli – Capital Projects, il-Perit Corinne Dimech – Architect Capital Projects, il-Perit Janice Borg – Chief Operations Officer u Ms Karen Farrugia Schembri – Local Councils' Liaison Officer u min-naħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu l-Kunsilliera John Buttigieg, Emvin Bartolo, Kurt Buttigieg u Loridana Darmanin u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin.

5.7.4. Is-Sindku għarraf li Infrastructure Malta ser timxi fuq il-proposta li kien issottometta oriġinarjament il-Kunsill u f'dan il-proġett ser jiġu inkorporati wkoll is-servizzi tad-drenaġġ u tal-ilma matul Triq Selmun kollha. Fil-fatt is-servizzi ser jitwasslu sal-lukanda Selmun Palace Hotel biex ikunu bil-lest fl-eventwalità li din il-lukanda terġa' tibda topera. Huwa stmat li dan il-proġett jieħu madwar sena biex jitwettaq u ssemmew fost oħrajn punti importanti bħal:

(i) l-aċċess li jrid jitħalla lill-bdiewa li għandhom l-għelieqi tagħhom f'dawn l-inħawi;

(ii) li l-parking bays ta' quddiem id-djar ser jiġu spustjati iżda l-aċċess għall-garaxxijiet tagħhom ser jitħalla; u

(iii) li madwar il-Kappella tal-Madonna tal-Fidwa l-art ser issir bil-porfido kif kien ġie miftiehem u mhux ser isiru parking markings.

5.7.5. Is-Sindku qal ukoll li saret osservazzjoni dwar ir-riallokazzjoni tal-iskola primarja tal-Mellieħa fil-Park tal-Familja.

5.7.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li Infrastructure Malta ma kinux konxji dwar ir-riallokazzjoni tal-iskola primarja fil-Park tal-Familja u min-naħa tagħhom ser jitkellmu mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni sabiex jaraw kif u meta l-aħjar ikun jista' jingħata bidu għal

dan il-proġett biex l-iskola ma tkunx affettwata. Il-ħsieb tagħhom huwa li x-xogħlijiet jibdew mill-parti ta' ġewwa ta' Triq Selmun.

5.7.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li sfortunatament ħa jkun hemm telf ta' parking għar-residenti peress li l-parti ta' ġewwa fi Triq Selmun hija dejqa u ma tippermettix parking fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Huwa qal ukoll li waqt din il-laqgħa, huwa għamel osservazzjoni biex kemm jista' jkun l-istreet lighting jiġi ppjanat sabiex ma joħloqx light pollution u jkun adattat għall-hamlet bħalma huwa Selmun.

5.7.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill kemm-il darba jkollu l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, possibiliment jara li jabbina l-proġett tal-Interchange propost fil-bidu ta' Triq Selmun ma' dan il-proġett.

5.7.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li kemm-il darba x-xogħlijiet jibdew mill-parti ta' ġewwa biex possibbilment ikunu waslu bix-xogħlijiet fejn il-Park tal-Familja fil-bidu tas-sajf li ġej u jkunu jistgħu jaħdmu hemmhekk peress li t-tfal ikunu bil-vaganzi, huwa tal-fehma li viċin l-iskola x-xogħlijiet mhux possibbli li jitlestew fi tliet xhur.

5.7.9. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jistaqsi jekk dan il-proġett jinkludix areas fejn jista' jiġi pprattikat il-passatemp tar-roti peress li hawn talba għal żoni bħal dawn.

5.7.10. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-proġett ser ikun jikkonsisti primarjament f'bini ta' bankini ġodda wiesgħa u introduzzjoni ta' urban greening biex apparti li t-triq tissebbaħ, iservi biex ir-residenti jkollhom fejn iżommu ruħhom attivi mingħajr periklu u f'ambjent isbaħ.

5.7.11. Is-Sindku ħa din l-opportunità biex jgħarraf lill-membri preżenti li kien avviċinat minn Rev. Dun Ġwann Galea u li qasam miegħu ħsieb li huwa flimkien ma' perit lokali fasslu għall-Kappella tal-Madonna tal-Fidwa u l-madwar. Huwa qal li min-naħa tiegħu ser jitlob li ssir laqgħa ma' Infrastructure Malta sabiex possibiliment tibda diskussjoni dwar dan il-proġett.

5.7.12. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Gentlemen's Drive fil-Mellieħa (A/6/3/Vol X)

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-organizzaturi tal-Gentlemen's Drive li nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru 2025 spiċċat b'wirja ta' vetturi f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa kienu sodisfatti ħafna bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

5.8.3. Hija qalet ukoll li dan l-avveniment isir kull sena u l-għan tiegħu huwa li titqajjem kuxjenza u tkompli r-riċerka relatata mas-saħħa tal-irġiel.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)

5.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għal nofs Ottubru ser issir attività oħra minn 'Chess Buddies Malta' fis-sala Joseph Borg. Dan peress li l-ewwel attività ntlaqgħet tajjeb ħafna.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Talba għall-Kollaborazzjoni mill-Mellieħa Baseball and Softball Club (S/6/Vol VII)

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba mill-Mellieħa Baseball and Softball Club fejn intalab jgħin finanzjarjament biex jitħallsu l-ispejjeż li dan it-tim iħallas biex juża l-faċilitajiet tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sindku qal li l-ispiża tammonta għal €1,000 fis-sena li mhix żgħira u li l-Kunsill ma jistax jiggarantixxi li jkun jista' jibqa' jħallasha kull sena. Is-Sindku żied jgħid li dawn l-ispejjeż din is-sena huma diġa' ħallsuhom iżda jixtiequ li l-Kunsill jikkontribwixxi dan l-ammont.

5.10.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-Kunsill fil-passat kien għen lil dan il-klabb billi xtara apparat u trophies li kellhom bżonn.

5.10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li biex il-Kunsill jimxi mal-proċeduri finanzjarji ikun aktar għaqli jekk il-Kunsill jgħin lil dan il-klabb billi pereżempju jħallas għat-trasport li huma jużaw biex imorru training jew biex jieħdu sehem f'tournament f'irħula oħra.

5.10.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

## 5.11.1 Upgrading ta' Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għas-silta numru 5.11.1.mill-minuti tas-seduta preċedenti u qal li bħalissa l-Perit Matthew Casha qed jaħdem fuq il-Bill of Quantities ta' Ġnien il-Qigħan sabiex ikun jista' jindika l-ammont li l-Kunsill ser joħroġ min-naħa tiegħu sabiex isir dan il-proġett.

5.11.3. Is-Sindku kompla billi qal dan il-punt huwa miftuħ għad-diskussjoni iżda huwa tal-opinjoni li l-Kunsill għandu jkun kommess li jikkontribwixxi finanzjarjament għal dan il-proġett għal żewġ raġunijiet: (i) peress li l-ERA ser tkun qed tikkontribwixxi s-somma ta' €150,000 u (ii) il-Kunsill m'għandux jitlef opportunità li jsir upgrading ta' wieħed mill-ġonna pubbliċi li għandu bżonn intervent ta' dan it-tip.

5.11.4. Apparti minn hekk huwa qal li jixtieq jissuġġerixxi li parti minn Ġnien il-Qigħan tinbidel f'dog park peress li fil-Mellieħa jeżisti dog park wieħed biss, u hemm il-bżonn li l-Kunsill jikkunsidra l-introduzzjoni ta' aktar postijiet bħal dawn. B'żieda ma dan', huwa qal ukoll li l-Kunsill m'għandux artijiet li jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

5.11.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li xi ħaġa trid issir għax in-nies bil-klieb żdiedu. Fil-preżent, il-klieb ma jistgħux jidħlu f'ġonna pubbliċi u d-dog park ta' Selmun huwa żgħir bħala area. Huwa kien tal-fehma li l-Kunsill għandu tal-anqas jidentifika ġnien wieħed li jkun 'Dog Friendly'.

5.11.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill irid jagħmel distinzjoni bejn 'Dog Friendly Park' u 'Dog Park'. Huwa qal li 'Dog Friendly Park' ikun park fejn wieħed jista' jidħol bil-kelb tiegħu imma jżommu biċ-ċinga, filwaqt li 'Dog Park' tkun area fejn il-kelb ikun jista' jitħalla jiġri mingħajr ċinga.

5.11.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill jista' jidentifika ġnien li jkun kemm 'Dog Friendly' kif ukoll ikun hemm parti mill-ġnien li tkun magħluqa u tkun tista' tintuża bħala 'Dog Park'. F'dan il-każ, sid il-kelb ikun jista' jidħol bil-kelb tiegħu fil-ġnien biċ-ċinga u jħallih jiġri mingħajr ċinga fil-parti l-magħluqa. Hija qalet li l-area mhux mibnija fi Triq il-Plejju tista' tintuża' għal dan il-għan. Barra minn hekk, hija qalet li barra minn Malta, il-klieb jidħlu kullimkien anke f'ristoranti. Hija rrimarkat ukoll li jeħtieġ li jsir xogħol ta' manutenzjoni fid-dog park ta' Selmun.

5.11.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li l-ewwel il-Kunsill għandu jibda billi jintroduċi 'Dog Friendly Park' u jitwaħħlu tabelli li jindikaw li l-kelb irid jibqa' biċ-ċinga. Huwa qal li ma jaqbilx li parti minn Ġnien il-Qigħan tiġi magħluqa biex isir dog park hemmhekk.

5.11.9. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-Kunsill jista' jikkonsulta mal-Perit u jara jekk il-Perit jistax jinkorpora din l-idea fil-proġett ta' Ġnien il-Qigħan.

5.11.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li ssir aktar diskussjoni fuq dan is-suġġett fis-seduta li jmiss.

## 5.12.1. Xogħol Infrastrutturali minn WSC fi Triq il-Miżieb (W/2/Vol IV)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddej b'xogħol infrastrutturali fi Triq il-Miżieb fejn qed isiru xogħlijiet primarjament fuq il-mains tal-ilma kif ukoll xogħol ta' restawr tal-ġiebja. Dan ix-xogħol huwa suppliment sekondarja għall-qalba tar-raħal u mill-aħħar komunikat li kien hemm huwa mistenni li jitlesta sal-aħħar t'Ottubru 2025.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Applikazzjoni għall-Iżvilupp PA 01632/25 mill-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)

5.13.2. Is-Sindku rrefera għas-silta mill-minuti 5.13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kif kien ġie miftiehem, il-Perit C. Cacopardo ntalab jivverifika l-applikazzjoni msemmija. Il-Perit min-naħa tiegħu għamel numru ta' osservazzjonijiet u rappreżentazzjoni f'isem il-Kunsill fuq dawn il-punti:

Is-sit qiegħed f':

1) Area of Ecological Importance (AEI) - Level 2 - Karstland supporting a mosaic of garigue vegetation in various stages of succession;

2) Area of Ecological Importance (AEI) - Level 3 - 50-metre buffer zone to protect the integrity of the Level 2 AEI (karstland);

3) within buffer zone Grade B for Archaeology (Bronze age or Punico-Roman); u

4) f'żona ekoloġika Garrigue.

Apparti dan, is-sit huwa viċin ir-Riserva Naturali tal-Għadira amministrata mill-Birdlife, liema riserva hi protetta. Dan kollu diga gie ikkunsidrat fl-aplikazzjoni originali, li l-applikazzjoni taħt konsiderazzjoni qed temenda, cjoe PA3421/22. Dakinhar il-PA ikkunsidrat dan kollu u approvat l-applikazzjoni.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1 PA 5850/25 - Deviation of Existing Main and Connecting Sewer Main from Triq Triq Dun Frangisk Sciberras to Triq il-Marfa Through Trenchless Methods (P/5/8/D)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jaċċenna għall-applikazzjoni msemmija u qal li min-naħa tiegħu ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Madanakollu, huwa qal li għamlu kuntatt miegħu numru ta' residenti li huma mħassbin dwar il-mod kif ser isiru dawn ix-xogħlijiet. Għaldaqstant, huwa tal-parir li l-Kunsill jagħmel rappreżentazzjoni fejn jiġu elenkati numru ta' kundizzjonijiet u osservazzjonijiet biex jiġu mħarsa dawn ir-residenti u anke l-komunità in ġenerali bħal:

1. Coordination with Ongoing and Planned Works;

2. Choice of Methodology – Trenchless Works;

3. Environmental and Public Health Safeguards;

4. Minimisation of Inconvenience to Residents

5. Community Safeguards

5.14.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill irid joqgħod attent li ma jxekkilx ix-xogħlijiet li qed jiġu ppjanati peress li dawn, kien il-Kunsill stess li talabhom.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Skambji ta' Żjarat bejn il-Mellieħa u Cavriglia (K/1/5/3/Vol IV)

5.15.2. Dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill u mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina għamlet f'Cavriglia, huwa xtaq jgħid li din iż-żjara kienet suċċess u kull min ipparteċipa ħa gost ħafna b'din l-opportunità.

5.15.3. Is-Sindku qal li d-delegazzjoni Melleħija ntlaqgħet tajjeb ferm mill-Comune ta' Cavriglia u min-naħa tagħhom kienu kuntenti ħafna bil-prestazzjonijiet li l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina għamlet hemmhekk. Fil-fatt għoġobhom ħafna l-kunċett ta' orkestra.

5.15.4. Huwa qal li permezz ta' din iż-żjara komplew jissaħħu r-relazzjonijiet diġa' sodi bejn iż-żewġ lokalitajiet u għarraf li hemm żewġ membri ġodda fil-Comune ta' Cavriglia li wrew ix-xewqa li jżuru l-Mellieħa. Bħala Comune, is-Sindku qal li għal din iż-żjara bbenefikaw minn fondi ewropej.

5.15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1 PA 04933/22 – Żvilupp ta' Festaval Hotel fi Triq ġo Triq id-Dahar (P/5/8/D)

5.16.2. Is-Sindku rrefera għad-Development Planning Application Report (DPAR) fir-rigward tal-applikazzjoni PA 4933/22 dwar l-iżvilupp ta' Festaval Hotel fil-limiti Tad Dahar u qal li l-Perit C. Cacopardi ntalab jivverifika din id-dokumentazzjoni u jagħti l-parir tiegħu.

5.16.3. Min-naħa tiegħu l-Perit C. Cacopardo qal li fid-DPAR, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet qed tirrakomanda 'refusal' a bażi ta' dawn it-tliet raġunijiet:

a) no traffic scoping statement was submitted;

b) no Tourism Compliance Certificate was presented; u

c) no recommendation from the Environment and Resouces Authority were presented.

Għaldaqstant, huwa kien tal-parir li l-Kunsill jagħmel rappreżentazzjoni u jgħid li apparti li dan li ssemma hawn fuq huwa importanti, il-Kunsill qed isostni l-posizzjoni tiegħu li kien għamel permezz ta' rappreżentazzjoni fid-19 ta' Settembru 2022 permezz ta' dokumenti 59A.

5.16.7. Is-Sindku għarraf li r-rappreżentazzjoni f'isem il-Kunsill saret. Madanakollu l-applikazzjoni ġiet irtirata mill-applikant.

5.16.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Skema Finanzjament 'Milied 2025' (F/1/7/Vol XII)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta biex jikseb fondi permezz tal-iskema ta' finanzjament 'Milied 2025' ġiet aċċettata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

5.17.3. Huwa qal li Milied Mellieħi huwa ppjanat li jsir bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru 2025 u jeħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi armat tinda u għandhomx jiġu armati stalls u gazebos fost oħrajn. Huwa qal li din is-sena, nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025, il-programm 'Bonġu Malta' li ser jixxandar fuq TVM minn Ottubru li ġej, ser ikun qed ixandar xandira diretta minn Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa proprju waqt Milied Mellieħi 2025.

5.17.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkunsidra li fl-irziezet ta' Selmun ikun hemm armat presepju ħaj għaliex jemmen li tkun inizjattiva sabiħa.

5.17.5. Is-Sindku rrimarka li biex torganizza presepju ħaj irid ikollok il-parteċipanti. Madanakollu qal li jista' jagħti l-każ li l-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva jkunu jixtiequ jieħdu sehem.

5.17.6. Is-Sindku staqsa wkoll jekk il-Kunsill għandux jerġa' jikkunsidra jorganizza attività f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena mas-show tan-nar u xtaq jisma' l-kummenti tal-membri preżenti.

5.17.7. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-Kunsill irid jibda minn kmieni jippjana għal din l-attività peress li ħafna mill-bands lokali pereżempju jkunu diġa' ibbukjati. Barra minn hekk, hija qalet wieħed irid jaħseb minħabba l-elementi tat-temp.

5.17.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li bħala inizjattiva hija tajba għax ir-residenti jibqgħu fil-lokal u ma jkollhomx għalfejn isuqu.

5.17.9. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li jekk ikun il-bard, in-nies ma joqogħdux fil-miftuħ.

5.17.10. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li jiġri mbagħad hu li n-nies jitilqu mir-ristoranti.

5.17.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Il-Festa tal-Qara' 2025 (A/5/3/Vol XVI)**

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Festa tal-Qara' ser issir nhar il-Ħadd, 19 ta' Ottubru 2025 bejn l-10.00am u l-4.00pm f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq Dun Manwel Grima, il-Manikata.

5.18.3. Huwa qal li peress li l-Kunsill ma vvutax fondi fil-budget 2025 għal din l-inizjattiva, ser jintużaw il-fondi vvutati għal 'One Off Event' li jammonta għal €5,000. Huwa żied jgħid li dan l-ammont jista' jiżdied jekk miegħu jiżdied is-surplus li kien hemm minn attivitajiet oħra li diġa' saru.

5.18.4. Dwar il-programm, huwa qal li apparti l-istalls li ħa jkun hemm armati, l-entertainment għat-tfal u live performances, ħa tieħu sehem ukoll il-Malta Food Agency li ħa jkollhom chef isajjar ikel magħmul bil-qara' ħamra.

5.18.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Introduzzjoni ta' 'Pedestrian Crossing' fir-Ramla tal-Mixquqa (T/3/2/Vol XVIII)**

5.19.2. Is-Sindku xtaq iressaq suġġeriment sabiex tiġi ntrodotta pedestrian crossing' fir-Ramla tal-Mixquqa viċin il-lukanda Radisson Golden Sands.

5.19.3. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex wieħed jara x'parir tagħti Transport Malta min-naħa tagħha.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Attività 'Trail Running' fil-Lokalità (S/4/1/Vol II)**

5.20.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li ġie avviċinat minn Ultra Trail Malta li bħala organizzazzjoni sportiva għandhom il-ħsieb li fl-4 ta' April 2026 jorganizzaw 'trail marathon' fuq bażi internazzjonali fil-lokalità tal-Mellieħa.

5.20.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri kompla billi qal li din il-maratona hemm il-ħsieb li tibda u tispiċċa fil-Park tal-Majjistral u mhux ser tkun attività ta' darba iżda li tidħol fil-kalendarju u tibqa' ssir kull sena.

5.20.4. Huwa qal li dawn it-tip ta' maratoni ma jsirux fit-toroq iżda fi trails apposta u Ultra Trail Malta qed titlob għall-approvazzjoni u għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizazzjoni ta' din l-attività. Hemm il-ħsieb li f'din l-attività jkun hemm l-involviment ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet lokali.

5.20.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Inizjattiva minn Rota Malta (S/4/1/Vol II)**

5.21.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-inizjattiva ta' Rota Malta ser issir nhar is-Sibt 4, is-Sibt 11 u s-Sibt 18 ta' Ottubru 2025 bejn id-9.00am u nofsinhar fil-parkeġġ faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.22.1. Tisbiħ tat-Turġien fi Triq Gorg Borg Olivier (P/4/17)

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef qal li wara l-ħruġ tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jiġu sottomessi disinji biex finalment żewġ turġien oħra fil-qalba tar-raħal jingħataw uplift, il-Perit M. Casha li kien l-irħas offerent ipprepara rendors li għadhom fil-fażi preliminari, ibbażati fuq l-istess kunċett ta' kif ġie ddisinjat it-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar. Dan sar biex jinżamm l-istess kunċett għat-turġien kollha.

5.22.3. Is-Sindku għarraf li l-istima biex isir titjib kif propost fi Triq l-Isqof Pace hija ta' €45,000 u l-istima tat-taraġ faċċata tal-ex HSBC hija ta' €30,000. Aktar 'il quddiem, ikun f'pożizzjoni li jippreżenta d-disinn komplut għal kull taraġ.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5/Vol XVII)

5.23.2. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melle]in 2025, is-Sindku G. Micallef qal li fis-seduta tal-Kunsill li jmiss, il-Kunsill ikun jista' jippreżenta r-rendikont finanzjarju ta' x'kien hemm dħul u x'kien hemm ħruġ bħala spejjeż.

5.23.3. Is-Sindku qal li dan ir-rendikont ma setax jiġi ppreżentat qabel peress li l-Kunsill ma kienx għadu rċieva l-fatturi kollha mingħand il-fornituri.

5.23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.24.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali, is-Sindku għarraf li ntlaħaq ftehim bejn l-istess Korporazzjoni u l-Kunsill sabiex appena tingħalaq is-sejħa għall-offerti u jiġi identifikat min ser ikun qed jagħmel dawn ix-xogħlijiet, issir laqgħa mal-istakeholders kollha nvoluti biex ikun spjegat kif ser ikun imqassam dan il-proġett u jekk inbiddlux l-fażijiet tax-xogħlijiet minn kif kienu miftehma.

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Tibdil ta' Bus Shelters (B/6/Vol V)

5.25.2. Is-Sindku xtaq jagħti aġġornament dwar l-applikazzjonijiet DNO li saru mill-Perit M. Casha sabiex il-Kunsill ikun jista' jbiddel numru ta' bus shelters fil-lokalità. Huwa qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar approvat l-applikazzjonijiet tad-DNO u anke Transport Malta tat l-approvazzjoni tagħha. Huwa qal li bħala permessi jonqos li joħroġ wieħed biss – dak tal-bus shelter fi Triq Adenau peress li l-Perit irid jagħmel surveying tal-area.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li proprju llum il-Kunsill bil-għajnuna ta' SEM, għamel sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu marbuta mal-proġett 'Solidarity Project in the Community'. Huwa qal li f'Diċembru 2025, il-Kunsill ikun infurmat jekk l-applikazzjoni tiegħu tkunx intgħażlet jew mod ieħor u jekk fl-affermattiv, il-proġett ikun jista' jibda fi Frar 2026.

5.26.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li mill-fondi tal-proġett hemm allokati €2,000 sabiex il-Kunsill ikun jista' jingaġġa Youth Worker. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jfassal l-Espressjoni ta' Interess.

5.26.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill irid jiċċekkja x'rekwiżiti jridu jitniżżlu fuq l-Espressjoni ta' Interess u min ser ikun responsabbli mill-intervisti.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jagħmel ringrazzjament lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom sabiex kollox mexa ħarir u mar tajjeb kemm fil-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata kif ukoll fil-Festa tal-Vitorja .

5.27.3. Is-Sindku qal li ringrazzjament speċjali jmur lill-Ispettur Anton Buttigieg li kkordina l-arranġamenti kollha marbuta mal-festi u t-tim tiegħu, lil-LESA u l-uffiċjali tagħha, lil Transport Malta u l-Malta Public Transport għall-koperazzjoni tagħhom kif ukoll lill-ħaddiema tal-Cleansing and Maintenance Division għax-xogħol ta' tindif kollu mwettaq anke f'ħinijiet bħal tard bil-lejl.

5.27.4. Huwa rringrazzja wkoll lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għall-ħidma minn kmieni biex setgħu jsiru l-preparamenti meħtieġa. Hawnhekk huwa stieden lill-membri tal-Kunsill biex min jixtieq jgħaddi xi punti li jistgħu jkomplu jtejjbu l-andament tal-festa s-sena d-dieħla, biex jgħaddihom u tittieħed nota tagħhom.

5.27.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Parteċipazzjoni fil-Kampanja Nazzjonali 'Pink October' (K/11)

5.28.2. Is-Sindku tkellem dwar il-kampanji nazzjonali li jsiru matul ix-xahar ta' Ottubru, biex ikun hemm dejjem aktar għarfien dwar il-mard tas-sider u s-saħħa mentali.

5.28.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li s-sena l-oħra l-Kunsill organizza talk dwar is-saħħa mentali bil-kollaborazzjoni tal-Mental Health Association. Issuġġerit li din is-sena jistgħu jsiru taħditiet simili.

5.28.4. Apparti t-taħditiet, għal din is-sena, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri flimkien mal-Kunsilliera L. Darmanin ħasbu li jorganizzaw żewġ mixjiet – waħda b'rabta ma' Pink October u oħra marbuta mas-saħħa mentali.

5.28.5. Wara aktar diskussjoni ġie deċiż li ssir mixja waħda u kull min jipparteċipa jiġi mħeġġeġ jagħti donazzjoni ta' €5, liema donazzjonijiet fl-aħħar jinqasmu bejn iż-żewġ assoċjazzjonijiet li għalihom tkun saret il-mixja.

5.28.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li ssir attività waħda li tiġbor fiha l-mixja u taħdita wara. Hija ssuġġerit li l-mixja tibda mill-bidu ta' Triq il-Kbira sat-Torri l-Aħmar u hemmhekk anke jitqassam xi materjal promozzjonali.

5.28.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Inkonvenjenzi fi Triq Sammy Bartolo (C/6/Vol XI)

5.29.2. Il-Kunsilliera C. Castillo tkellmet dwar l-inkonvenjenzi li qed ibatu minnhom ir-residenti li joqogħdu f'din it-triq speċjalment minħabba l-ħruġ ta' boroż tal-iskart mhux fil-ġranet li suppost li jinġabru. Hija ssuġġerit li jew titpoġġa skip jew bin fejn tagħlaq it-triq, iżda fl-istess waqt kienet konxja tal-fatt li din tista' tispiċċa toħloq aktar problemi peress li tibda tkun lok ieħor ta' abbuż.

5.29.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li saħansitra hemm residenti barranin li qed joħorġu l-iskart goff u

sempliċiment ipoġġuh fuq il-bankina mingħajr ma jibbukkja għall-ġbir tiegħu. Hija semmiet ukoll il-problemi tal-Air BnB's fejn dawk li jkunu responsabbli tat-tindif qed joħorġu l-boroż kollha li jkollhom fuq il-bankina irrilevanti x'ġurnata tal-ġimgħa hi..

5.29.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg semma każ fejn huwa personali ġibed l-attenzjoni ta' persuna li kien ħa joħroġ l-iskart goff minn filgħaxija iżda min hu reġa' daħlu.

5.29.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Is-Servizz Mogħti mill-Malta Rangers Unit (W/3/Vol XII)**

5.30.2. Is-Sindku G.Micallef għamel referenza għall-imejl data 8 ta' Settembru 2025 li l-Malta Rangers Unit bagħtu lill-Kunsill dwar is-servizz li kien qed jingħata minnhom fil-Mellieħa.

5.30.3. Is-Sindku qal li f'din l-imejl, il-Malta Rangers Unit qalu li minħabba n-nuqqas ta' riżorsi u d-domanda kbira li kien qed ikollhom biex isegwu nuqqasijiet u reati relatati mar-rimi tal-iskart, kellhom jieħdu deċiżjoni u jinfurmaw lill-Kunsill li ma setgħux ikomplu joffru s-servizz li kienu qed jagħtu fil-Mellieħa f'dan ir-rigward. Huma qalu wkoll li ma kinux ser jitolbu ħlas lanqas għas-servizz li pprovdew matul l-aħħar xhur minn meta bdew il-ħidma tagħhom fil-Mellieħa.

.

5.30.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li hija personalment ma tantx rat li għamlu differenza anke minħabba l-fatt li għandek barranin li jinbidlu regolament u għaldaqstant dawn diffiċli biex ikollok kontroll fuqhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ tal-boroż tal-iskart fil-ġurnata t-tajba.

5.30.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li saret differenza biss biss anke peress li dawn ħadu l-inizjattiva li jqassmu l-ittri dwar il-ġbir tal-iskart bieb bieb f'diversi żoni..

5.30.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li eżerċizzju simili kien sar fil-passat.

5.30.7. Is-Sindku G. Micallef stqarr li bir-Rangers fit-toroq ċertament li dejjem aħjar milli ma jkollok xejn.

5.30.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li sfortunatament enforcement minn uffiċjali tal-LESA u uffiċjali tal-ERA fost oħrahn, mhux qed isir.

5.30.9. Filwaqt li l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li l-Kunsill jinvolvi l-Pulizija tal-Komunità, is-Sindku wieġeb li l-Pulizija tal-Komunità ma jagħmlux dan it-tip ta' Enforcement peress li hawn uffiċjali oħra li huma responsabbli minnu.

5.30.10. Hawnhekk il-Kunsillier K. Buttigieg semma dik il-plot vojta fi Triq il-Kbira li l-Kunsill għadu kif naddaf u qal li sfortunatament innota li l-iskart li qed jintrema' fiha, qed jintrema' dejjem mill-istess sidien tal-ħwienet fil-viċinanzi.

5.30.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill f'każijiet bħal dawn għandu jikkuntattja lis-sidien tal-ħwienet u jiġbed l-attenzjoni tagħhom għax hija ċara minn fejn hi ġejja l-problema.

5.30.12. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-LESA sabiex tiġi diskussa magħhom il-problema ta' nuqqas t'enforcement fil-lokalità tal-Mellieħa.

5.30.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Vending Machines li jbiegħu Tal-Linja Cards (T/5/1/Vol II)**

5.31.2 Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li viċin il-bus stop Adenau partikularment, il-Kunsill għandu jagħmel talba lil Malta Public Transport sabiex ipoġġu vending machine li minnha tkun tista' tixtri Tal-Linja Cards. Hija qalet li sfortunatament jidher li ħanut wieħed biss fi Triq Gorg Borg Olivier ibiegħ dawn il-cards.

5.31.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

## 5.32.1. Talba għall-'Pedestrian Crossing' fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVIII)

5.32.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba sabiex issir 'pedestrian crossing' viċin l-istabbiliment Miracle Foods fi Triq il-Kbira.

5.32.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fil-viċinanzi diġa' hemm żewġ pedestrian crossings għaldaqstant ma jarax għalfejn għandha ssir talba għat-tielet waħda.

5.32.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mat-tweġiba tas-Sur Bartolo.

**5.33.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)**

5.33.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill qiegħed f'kuntatt mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jingħata l-permess neċessarju sabiex tkun tista' ssir is-sejħa msemmija.

5.33.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.34.1. Jum il-Kunsill 2025 (A/5/3/1/Vol XXIV)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef tkellem dwar l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Jum il-Kunsill u ssuġġerixxa li din issir f'Novembru fil-bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa.

5.34.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li minħabba l-elementi tat-temp hemmhekk sabiħ li jsir bejn Mejju u Ġunju.

5.34.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li għal din is-sena Jum il-Kunsill isir f'Novembru u sena oħra jsir fis-sajf.

5.34.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal il-problema tkun jekk tagħmel ix-xita peress li l-post jinsab fil-miftuħ. Huwa żied jgħid li jekk hemm il-ħsieb li jsir f'Novembru 2025, importanti li l-Kunsill jibda jaħdem biex joħroġ is-sejħa għan-nominazzjonijiet.

5.34.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.35.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.35.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li fir-rigward tal-applikazzjoni li l-Kunsill kien issottometta biex jikseb fondi Ewropej permezz tal-miżura i73.3, biex ikun jista' jagħmel interventi fuq seba' toroq rurali, il-Kunsill ġie mgħarraf li ġie approvat l-intervent fuq it-triq rurali magħrufa bħala 'Ta' Bejn il-Ġonna'.

5.35.3. F'dan ir-rigward sar l-iffirmar tal-Grant Agreement u l-Kunsill permezz ta' dan il-ftehim ser jibbenefika minn l-ammont ta' €167,940.88c sabiex ikun jista' jagħmel l-intervent imsemmi hawn fuq. Dan il-finanzjament ser ikun qed ikopri 100% l-ispejjeż tal-proġett imsemmi.

5.35.4. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet ukoll li l-Perit M. Casha li huwa l-Perit inkarigat minn dan il-proġett ħejja l-Bill of Quantities u dokumentazzjoni oħra, sabiex tkun tista' ssir is-sejħa għall-offerti.

5.35.5. B'rabta ma' dan, hija talbet lill-Kunsill jikkonferma min ser ikunu l-membri li ser iservu fuq il-Kumitat t'Evalwazzjoni biex jevalwaw din is-sejħa għall-offerti, u l-Kunsill qabel li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ser ikun kompost minn:

Gabriel Micallef – Chairperson
Matthew Borg Cuschieri – Membru
John Buttigieg – Membru

Emvin Bartolo – Membru
Marica Gambin - Segretarja

5.35.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.36.1. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet: Tindif, Żbir u Tħawwil ta' Pjanti fi Ġnien tas-Salib u Ġnien Dun Anton Debono (K/6/2/Vol VI)**

5.36.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li ż-żewġ kwotazzjonijiet li saru biex isir qtugħ ta' ħaxix ħażin, żbir u tħawwil ta' pjanti fi Ġnien tas-Salib u Ġnien Dun Anton Debono rahom għoljin meta tqis li x-xogħol kien ser isir fuq żewġ ġonna biss u fuq xahrejn.

5.36.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li ż-żewġ kwotazzjonijiet saru fin-nuqqas ta' kuntratt għaż-Żamma tal-Ġonna Pubbliċi u biex seta' jsir intervent żgħir f'żewġ ġonna li kellhom bżonn urġenti li jsir dan it-tip ta' intervent fihom. Huwa qal li permezz ta' dawn il-kwotazzjonijiet, sar xogħol ta' trimming u qtugħ ta' ħaxix ħażin li kien ilu jakkumula għal żmien twil.

5.36.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fin-nuqqas tal-kuntratt tal-Ġonna Pubbliċi, il-Kunsill kellu jieħu xi tip ta' azzjoni sabiex jirrimedja temporanjament.

5.36.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.37.1. Sejħa għall-Offerti dwar il-Kiri ta' Crew Cab għall-Ħaddiema tal-Kunsill (V/3)**

5.37.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li fil-laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni li saret fit-28 ta' Awwissu 2025, dwar is-sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' Crew Cab għall-Ħaddiema tal-Kunsill, il-Kumitat qabel li jirrakkomanda dan li ġej:

***4.0 Rakkomandazzjoni tat-Tender Evaluation Committee***

*4.1 Wara li ġew evalwati l-erba' sottomissjonijiet, it-Tender Evaluation Committee qabel li jirrakomanda li 'bid should not be awarded since all submissions resulted noncompliant in the technical section'. It-TEC qabel ukoll li jgħaddi kopja tal-Evaluation Report lil kull membru tal-Kunsill u li fis-seduta tal-Kunsill li jmiss għandha tiġi kkunsidrata l-possibilità li l-Kunsill jixtri u mhux jikri l-vettura għall-użu tal-Kunsill.*

5.37.3. Fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, saret diskussjoni jekk il-Kunsill għandux jixtri vettura li taħdem bl-elettriku jew mod ieħor.

5.37.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa personalment huwa ftit xettiku fejn tidħol vettura li taħdem bl-elettriku peress li l-ħaddiema ma jistgħux iħalluha tagħmel charging jekk mhux waqt il-ħin tax-xogħol. Dan ser ikun inkonvenjent għalihom peress li waqt il-ħin tax-xogħol, ikollhom bżonn jużawha.

5.37.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk tinxtara vettura li taħdem bl-elettriku jkun vantaġġ finanzjarju fuq il-Kunsill.

5.37.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li sfortunatament għad m'hawnx ħafna mechanics li jirranġaw commercial electric vehicles.

5.37.7. Wara aktar diskussjoni, ġie deċiż li peress li x-xewqa tal-ħaddiema hija li jaħdmu b'vettura mhux elettrika, il-Kunsill għandu jmur għal din l-għażla u għaldaqstant is-sejħa għall-offerti għandha toħroġ kif issuġġerit.

5.37.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.38.1. Xogħol ta' Titjib fi Ġnien tas-Salib (P/2)**

5.38.2. Is-Sindku G. Micallef qal li sa mil-leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien beda diskussjonijiet dwar il-bżonn li jsir xogħol ta' titjib fil-Ġnien tas-Salib.

5.38.3. Għal dan il-għan, huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill jaqbel tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal Servizz ta' Perit sabiex jiddisinja kunċett għal dan il-ġnien f'dan ir-rigward. Fl-istess kwotazzjoni, jintalab ukoll li l-Perit kemm-il darba l-kunċett jintgħoġob, jipprepara l-Bill of Quantities.

5.38.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

**5.39.1. Compliance Audit għas-Sena 2024 mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (F/1/2/Vol XI)**

5.39.2. Għal din il-parti tas-seduta ngħaqad b'mod virtwali l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea.

5.39.3. Is-Sur D. Galea beda billi qal li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika apparti l-financial audit li jsir f'kull Kunsill Lokali u anke fil-Kunsill Reġjonali kull sena, jagħmlu Compliance Audit f'numru ta' Kunsilli Lokali darba kull qisu ħames snin.

5.39.4. Huwa qal li fil-bidu ta' din is-sena, il-Kunsill ġie mgħarraf li kien ħa jsir dan il-Compliance Audit ibbażat fuq is-sena 2024 liema audit ġie fi tmiemu f'dan l-aħħar xahar. Fil-fatt fit-2 ta' Settembru 2025, il-Kunsill irċieva l-Management Letter bl-osservazzjonijiet li għamlu l-awdituri waqt il-Compliance Audit. Huwa qal ukoll li l-Kunsill kellu jwieġeb din il-Management Letter sat-23 ta' Settembru 2025.

5.39.5. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin spjegat li s-Sur D. Galea flimkien magħha kienu diġa' fasslu t-tweġiba għall-Management Letter, madanakollu l-Kunsill ġie avviċinat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li għarrfu li minbarra t-tweġiba, il-Kunsill kien mitlub jipprovdi action plan ta' kif kien ser jindirizza l-osservazzjonijiet elenkati fil-compliance audit u sa meta beħsiebu jindirizzahom.

5.39.6. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li l-Kunsill irnexxielu jikkompila l-action plan u jgħaddiha lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika kif mitlub. Hawnhekk, hija tat spjegazzjoni fuq dawk il-punti li tqajmu waqt il-Compliance Audit u li anke ġew osservati mis-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Gvern Lokali fosthom:

*Of notable importance are the following:*

*(i) Lack of proper procurement procedures;*
*(ii) Lack of renewed contracts for various services offered;*
*(iii) Prompt renewal of bank guarantees;*
*(iv) Submission of travel reports;*
*(v) Overspending in twinning arrangements;*
*(vi) Stricter monitoring of overtime;*
*(vii) Lease agreements to be renewed and*
*(viii) A revision of bye laws.*

*Pl ensure compliance.*

5.39.7. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kommess li jindirizza l-punti osservati waqt dan l-audit sabiex il-Kunsill ikun konformi mar-regolamenti stabbiliti. Hija żiedet tgħid li permezz ta' dan il-Compliance Audit, hija ċertament li kompliet tikseb aktar għarfien fuq il-proċeduri tal-Kunsilli Lokali.

5.39.8. Is-Sindku G. Micallef xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jirringrazzja lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll lis-Sur D. Galea u lil Ms M. Gambin għall-ħidma tagħhom waqt dan l-audit.

5.39.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier K. Buttigieg li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 2/2025, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi t-Tindif, iż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas;***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tat-tliet offerti sottomessi, skont il-minuti tat-28 ta' Lulju 2025 u tas-26 ta' Awwissu 2025; u***

***Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 3061 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2025;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Mark Taliana Gardening li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €127,440 bit-taxxa miżjuda.". ((K/6/3/Vol V)***

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li din ġiet issekondata mill-Kunsilliera L. Darmanin.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 25 ta' Settembru 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn l-24 ta' Awwissu 2025 u t-25 ta' Settembru 2025.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn il-5 ta' Awwissu 2025 u l-25 ta' Settembru 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

### AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.15pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**